**MALTA**

**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tat-13 ta' Gunju, 2019**

Kawza numru:- 385/2018 AM

Numru fuq il-lista:- 05

**GO plc (22334)**
**Triq Fra Diegu,**
**Marsa**
**Vs**
**Carla-Jo Ingram (K.I. 156765A)**
**Crystal Court, Block B, Flat 9,**
**Triq in-Nahal,**
**Mellieha**

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fil-21 ta' Awwissu, 2018 illi permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi talbet mingħand il-konvenuta s-somma ta' elf seba' mija u wiehed u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1,761.69c) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40672502;

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawza fit-

termini preskritt mil-liġi u lanqas ma deher hadd għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Fis-seduta tat-30 ta' Mejju, 2019, sema' lir-rapprezentant tas-socjeta' attrici tikkonferma bil-gurament li l-ammont ghadu dovut fl-intier tieghu.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta' attriċi u l-fatt il-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Illi fis-seduta tal-lum dan it-Tribunal gie nfurmat mis-socjeta' attrici li l-ammont ghadu kollu dovut.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' elf seba' mija u wiehed u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1,761.69) bl-imghaxijiet legali mit-18 ta' Ottubru, 2017 d-data tal-ittra ufficjali sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 2884/17, huma a kariku tal-konvenut.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**